MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 241/2008/1

**Avviz Numru : 241/2008/CSH**

**Noel Cutajar (ID 41277(M)**

**vs.**

**Graziella Zahra (ID 549282 (M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-10 ta' Jannar 2011 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:-***

*Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-2 ta' Lulju 2008 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' erbat elef tmien mija u hdax-il ewro u hamsa*

*u erbghin centezmu (€4,811.45) rapprezentanti kwantu ghal elf tliet mija u tmienja u disghin ewro (€1,398) flejjes li thallsu lill-konvenuta bhala depozitu ta' vettura proprjeta' taghha, elf tliet mija u tmienja u disghin ewro (€1,398) ohra ghal pagamenti li huwa ghamel ghall-istess karozza, sitt mija u disgha u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€629.10) accessorji ghall-istess vettura konsistenti f'alarm u sett ta' roti u elf tliet mija u erbgha s ebghin ewro u sebghin centezmu (€1,374.70) somom f'dati minnu f'idejn il-konvenuta u li hija mitluba biex tirrifondihomlu baqghet inadempjenti.*

*Bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv u bil-konvenuta ingunta in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta ta' Graziella Zahra prezentata fl-atti nhar l-14 t'Ottubru 2008 fejn esponiet is-segwenti:-*

*"Illi kull ammont ta' flus li ghandu jirrizulta, mhux kif indikat mir-rikorrent, li gie versat minnu in konnessjoni mal-vettura li tissemma' fir-rikors odjern, gie hekk versat b'insistenza tal-istess rikorrent billi ried li jaghmel uzu mill-vettura li xtrat l-esponenti meta l-partijiet kienu f'relazzjoni bejniethom, kif fil-fatt ghamel tul il-perijodu tarrelazzjoni taghhom. Ghalhekk ir-rikorrent mhux intitolat skont il-ligi li jippretendi li jigi rifuz il-flus li hareg da parti tieghu ghall-iskop hawn imsemmi, unikament spiccat irrelazzjoni li huwa kellu mal-esponenti.*

*Illi r-rikorrent kien ukoll ghadda f'idejn l-esponenti ammont ta' flus, kif ser jirrizulta biex dawn iservu ghall-htigijiet tal-wild illi l-partijiet kellhom mir-relazzjoni li sehhet bejniethom. Hawnhekk ukoll ir-rikorrent mhux intitolat skond il-ligi li jippretendi r-rifuzjoni ta' tali flus.*

*Bir-riserva ta' eccezjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibli legalment."*

*Rat l-affidavit tal-attur **Noel Cutajar** prezentat fl-atti u dan fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2009, liema affidavit jinsab immarkat bhal Dok NC 1 (a fol. 20). Jispjega illi huwa kien iltaqa' mal-konvenuta madwar tmien snin qabel,*

*ghalkemm minn sentejn qabel ma xehed ma kienux baqghu jitkellmu. Minn din ir-relazjoni kellhom tarbija tifel li jismu Fredrick.*

*Ikkonferma li wara t-twelid ta' binhom il-konvenuta xtrat karozza tal-ghamla Toyota Vitz minghand Montebello ta' Bir id-Deheb, u dan ghall-prezz t'erbat elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm4,400). Jghid li huwa kien hareg minn butu d-depozitu li kellu jithallas fuqha fl-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600). Qal li kien ghaddielha dawn il-flejjes fid-dar t'ommha.*

*Dwar il-kumplament jghid li hija kellha thallas il-bilanc f'rati mensili u konsekuttivi u fil-fatt hu kien johrog is-somma ta' Lm55 mensilment. Jghid li b'kollox kien silef lill-konvenuta s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600). Meta nfirdu l-konvenuta zammet il-karozza u hu waqaf ihallas il-pagamenti mensili.*

*Qal li d-dar kien lahaq faddal is-somma ta' hames mija u disghin Lira Maltin (Lm590) u kien tefaghhom fil-kont bankarju tal-konvenuta. Qal li kien tahomlha biex izzommhomlu izda bil-patt li meta jigi bzonnhom jitlobhomlha. Qal li l-konvenuta zamet dawn il-flejjes u ma tathomlux lura. Spjega li kien ukoll ta lill-konvenuta s-somma ta' mitejn u sebghin Lira Maltin (Lm270) sabiex ghamlet sett ta' roti godda u sistema tal-alarm fil-karozza taghha, u jghid li lanqas din is-somma ma raddet lura. Ghalhekk b'kollox jippretendi li ghandu jiehu minghand il-konvenuta s-somma ta' elfejn u sittin Lira Maltin (Lm2,060).*

*Rat in-nota tal-attur prezentata fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2009 li permezz taghha pprezenta numru ta' dokumenti, fosthom statement mahrug minghand Montebello dwar il-hlasijiet li kienu jsiru fuq il-vettura Vitz u ittra mibghuta minghand is-socjeta' Montebello Enterprises Ltd.*

*Fix-xhieda tal-20 ta' Mejju 2010 l-attur jghid li kien beda jhallas manteniment ghal ibnu ricentement ghaliex kellu digriet mill-Qorti, izda meta kien ghadu fir-relazzjoni mal-*

*konvenuta, huma kienu jaqsmu l-hlasijiet li kienu jsiru fil-konfront tat-tifel bejniethom.*

*Semghet lil* ***Alfred Cutajar****, hu l-attur jixhed nhar it-8 t'Ottubru 2009, u qal li kien jaf li huh kien ilu f'relazzjoni mal-konvenuta ghal perijodu ta' tliet snin jew erbgha. Qal li jaf li kienu xtraw vettura bejniethom u li l-pagamenti kienu jhallsuhom nofs bin-nofs. Jghid li dan jafu ghaliex id-diskors kien sar ghand ommu. Jiftakar li darba minnhom kien id-dar u huh, l-attur, kien qallu li kien ghadu kif hallas ghar-rimmijiet u ghall-alarm, u fil-fatt kien anke wrieh kif kienet tahdem l-alarm.*

*Mistoqsi jekk dawn kienux xi rigal minghand huh, jghid li ma jafx, jaf biss li kien hallas ghalihom hu. Jghid li huh kien jahdem mieghu ghand l-Androxa u meta s-socjeta' kienet fi krizi huwa kien imur jitlob il-paga mil-ewwel sabiex ikun jista' jghamel il-pagament tal-karozza.*

*Mistoqsi jekk kinux xtraw xi ghamara flimkien jghid li ma jafx, pero' jaf li kien hadmilhom sodda. Ghand ommu jaf li hemm kamra tas-sodda ta' Graziella. Mistoqsi min kien garr l-ghamara, jghid li ma jafx, u li ma kienx id-dar t'ommu meta waslet l-ghamara.*

*In kontro ezami nhar il-15 ta' Novembru 2010 jghid li ma jafx jekk il-flus li kien ta huh l-attur lill-konvenuta kienx id-depozitu tal-vettura. Jghid li pero' huh l-attur hadem ghand l-Androxa ghall-perijodu ta' sentejn fl-ispray section waqt li hu kien jahdem fl-injam. Qal li fil-fatt it-tliet ahwa kienu jahdmu hemm fl-istess zmien.*

***Jesmond Cutajar*** *ukoll hu l-attur, xehed nhar it-8 t'Ottubru 2009. Jikkonferma li kien jaf li huh kellu relazzjoni mal-konvenuta. Jghid li dan kien jahdem mieghu ghand l-Androxa. Dak iz-zmien jghid li s-socjeta' Androxa kellha problemi finanzjajri u kellhom diffikolta' sabiex jiehdu l-paga, u huh kien jitolbu l-flus biex jaghmel il-pagamenti fuq il-karozza, u hu kien itih is-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltin.*

*In kontro ezami nhar il-15 ta' Novembru 2010 jghid li fil-fatt*
*l-attur hadem ghand l-Androxa ghall-perijodu ta' sena jew ftit aktar, u kien itih is-somma ta' hamsa u hamsin (Lm55) fix-xahar. Mistoqsi kif kien jghix huh jghid li ma jafx.*

*Il-konvenuta* ***Graziella Zahra*** *xehdet nhar is-26 ta' Jannar 2010 u kkonfermat li meta hija kienet f'relazzjoni mal-attur kienet xtrat vettura tal-ghamla Toyota Vitz u kienet hallset is-somma t'elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) depozitu sabiex hargitha fit-triq. Qalet li kien minnu dak li qal lattur, cioe' li kien taha s-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600) bl-intendiment li huwa jkun jista' juzaha daqsha.*

*Spjegat li pero' l-pagamenti mensili ta' mija u hmistax-il Lira (Lm115) jew mija u ghoxrin (Lm120) Lira Maltin kienet taghmilhom kolha hi. Hija cahdet dak li qal l-attur li kien itiha xi flus mensilment sabiex thallas il-vettura.*

*Qalet li tul l-perijodu li ghamlu flimkien hija dejjem hadmet waqt li l-attur hadem biss ghal hdax-il xahar. Qalet li f'dak il-perijodu ta' hdax-il xahar gieli hareg flus ghall-ghejxien taghhom. Gieli kien ghamel xi xirja u xtara xi laham, pero' flus kontanti qatt ma taha salv ghas-sitt mitt lira Maltin (Lm600) li kien taha originarjament. Tghid li ghat-tifel gieli ghamel xi xirja jew taha xi flus biex tixtrilu xi affarijiet, in fatti tghid li kien taha s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) biex tonfoqhom fuq it-tifel kif kien xtaq hu. Dan kien fis-sena 2005. Kompliet li apparti dawn il-flejjes qatt ma rceviet somom aktar minghandu.*

*Dwar il-karozza tghid li m'ghamlitilha l-ebda tibdil minn mindu hargitha fit-triq. Dwar l-alarm u r-rimmijiet tghid li veru kien xtrahom l-attur, pero' dawn kienu rigali, u fil-fatt kien mar biha hu stess u ghamilhom hu ghax-xelta tieghu.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda, fuq l-apprezzament li din il-Qorti trid taghmel fuq id-deposizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza*

*moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi*** *deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:*

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti flordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz talprovi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb*

*logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

*L-attur jghid li effettivament kien ta somma flus (Lm600) lill-konvenuta meta hija xtrat il-vettura taghha u dan bhala parti mid-depozitu. Il-konvenuta dan ma tichdux, ghalkemm tghid li dan sar ghaliex kellhom ftehim li b'hekk seta' juza l-karozza daqsha. Tichad pero' dak li jghid attur li kien ihallas xi pagamenti mensili. L-attur ressaq lil hutu jixhdu sabiex jittanta jikkorrobora t-tezi tieghu, pero' fil-verita' dawn aktar dghajfu dak li qal, ghaliex bejniethom ma jaqblu xejn. Per ezempju filwaqt li l-konvenuta tghid li l-attur hadem ghall-perijodu ta' hdax-il xahar ghand l-Androxa u l-attur dan ma jichdux, huh Alfred jghid li zgur li hadem ghall-perijodu ta' sentejn, waqt lil Jesmond jghid li l-attur hadem ghall-perijodu ta' sena, u dan meta suppost li t-tliet ahwa kienu jahdmu flimkien.*

*Dwar l-ammont ta' hames mija u disghin Lira Maltin (Lm590) li jghid li huwa ddeposita fil-kont tal-konvenuta, l-attur ma ressaq l-ebda prova, la kif kienu ghandu dawn il-flejjes, u lanqas f'liema kont jew fergha tal-bank iddepozitahom - xejn - qabad u ghamel dak li fl-Ingliz jissejjah sweeping statement. Il-Qorti ssibha difficli temmen din il-versjoni tax-xheda, meta rat li l-konvenut ghamel zmien qasir biss jahdem, u mill-introjtu li kellu hallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600), oltre li ta lill-konvenuta xi flus ghat-tarbija li kellhom. Illi ghalhekk huwa mprobabbli li l-attur kellu dawn il-flejjes fuq ir-rih u ddecieda li jiddepozitahom ghand il-konvenuta, meta ma tantx jidher li huwa wisq generuz, tant li kellu jkun hemm digriet tal-Qorti sabiex jibda jmantni lil ibnu.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-*

*hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall- konvinciment tal-gudikant. (Vide* ***George Bugeja vs Joseph Meilak*** *deciza 30 t'Ottubru 2003 PA ).*

*Illi ghalhekk dwar dak li qal l-attur li huwa ghamel pagamenti mensili lill-konvenuta sabiex thallas il-vettura taghha, fic-cirkostanzi moghtija, u l-qaghda finanzjarja tieghu, ma taghtix wisq kredibilta' lill-versjoni tieghu. Il-Qorti ma thossx li kien kredibbli f'dak li qal, u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament l-attur kellu ntrojtu, u x-xhieda ta' hutu mhix attendibbli.*

*Jinghad pero' li dwar id-depozitu li huwa ghamel fuq il-vettura proprjeta' tal-konvenuta, din tirrzulta ammessa mill-konvenuta stess, pero' tghid li dan ghamel hekk ghaliex kienu ftiehmu li kellu jaghmel hekk sabiex ikollu d-dritt juzaha bhala. Fil-fatt jirrizulta li tul il-perijodu li damu flimkien wara l-akkwist ta' din il-vettura, huwa kien juza din il-vettura wkoll, u ghalhekk il-Qorti ma thossx li huwa ghandu jigi rifuz il-flus.*

*Dwar il-hlasijiet li huwa ghamel fuq l-alarm u r-rimmijiet, il-Qorti temmen lill-konvenuta f'dak li qalet, li effettivament dawn kienu rigali moghtija lilha waqt l-gherusija. Jinghad li f'gherusija hemm rigali li jibqghu ta' proprjeta' ta' dak fost*

*l-gharajjes li jaghmilhom lill-parti l-ohra, li taghhom il-parti l-ohra ghandha sempliciment l-uzu, u li ghalhekk ghandhom jigu ritornati lid-donanti jekk iz-zwieg ma jsirx.*

*Imma hemm rigali ohra totalment distinti, jigifieri veri donaturi, li wiehed mill-gharajjes jaghmel lill-parti l-ohra u li jibqghu tad-donatarju meta z-zwieg jisfratta, kif fil-fatt kienu l-alarm u r-rimmijiet. F'dan il-kaz ma jirrizultax ghaliex iz-zwieg sfratta, jirrizulta biss li kellhom relazzjoni li damet sejra tmien snin u ghal xi raguni thassret. Dawn ir-rigali tal-alarm u rimmijiet ghandhom jibqghu proprjeta' tal-konvenuta u l-attur m'ghandux jigi kumpensat taghhom.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talba attrici. L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-attur.***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Noel Cutajar datat 27 ta' Jannar 2011 fejn talab lill-Qorti thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata billi filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-esponent, tichad l-eccezzjonijiet tal-appellata bl-ispejjez kontra taghha.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Graziella Zahra datata 8 ta' April 2011 a fol 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Claudio Zammit ghall-appellant prezenti u Dr. John Vassallo ghall-appellata prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza indifett ta' ostakolu ghall-11 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-kawza appellata.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'dan l-appell l-appellanti qed isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi hazin, u dan billi skond huwa "ghagglet wisq biex xejjnet il-kredibilita' ta' l-esponent" u jallega li fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li gie ritenut, huwa rnexxielu jissidosfa l-oneru tieghu li ghandu d-dritt ghar-rifuzjoni tal-ammont imsemmi fl-avviz, fl-ammont ta' €4,811.45.

Illi fil-fatt dawn kienu jikkonsistu f'diversi ammonti u cjoe' (a) l-ammont ta' €1,398 li l-appellant jghid li silef lill-appellata sabiex hija xtrat il-karozza u dwar dan jghid li dan kien self u kontrarjament ghal dak li qalet il-konvenuta ma kien hemm ebda ftehim, u lanqas saret prova tieghu, li dan l-ammont ma kellux jigi ritornat lilu ghaliex tali flus thallsu mill-attur sabiex huwa jkun jista' juza l-karozza wkoll; (b) sostna li kien hallas l-ammont ta' €1,398, sabiex il-konvenuta taghmel pagamenti rateali sabiex jitkompla jithallas il-prezz tal-istess karozza u jghid li kontrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, gie ppruvat li tali pagamenti saru permezz ta' dokumenti u xhieda prodotti; (c) l-ammont ta' €1,374.70 li huwa kien silef lill-konvenuta u li hija kellha troddhom lura – u li l-Qorti sostniet li mhux rifondibbli ghaliex dawn thallsu ghall-bzonnijiet tat-tifel li l-kontendenti kellhom – meta skond l-appellant dan ma huwiex minnu peress li t-tifel qed jigi uzat bhala paraventu sabiex l-appellata ma thallasx lura dawn il-flus – u l-Ewwel Qorti skond l-appellant – qaghdet biss fuq supposizzjoni dwar il-qaghda finanzjarja mhux tajjeb tal-appellant milli fuq dak li huwa ndika bhala "ammissjoni" mill-konvenuta li hija rceviet l-istess ammont ta' flus; (d) l-ammont ta' €619 li huwa jghid li silef lill-konvenuta sabiex inxtraw roti u alarm tal-istess karozza li ma kienux rigal kif qalet l-Ewwel Qorti, li ghal darba ohra emmnet il-verzjoni tal-konvenuta, u dan ghaliex il-Qorti sostniet li sar waqt gherusija, meta skond l-appellant gherusija ma kienx hemm izda din kienet biss imsemmija mill-Qorti fl-istess sentenza u meta skond huwa qatt ma kien hemm hsieb ta' zwieg.

Illi l-appell tal- appellant huwa msejjes fuq aggravju wiehed u cioe' nuqqas ta' apprezzament xieraq tal-fatti mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk permezz ta' dan l-aggravju, din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenza **"Carmel Zammit et vs Anthony Lia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta' l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin. F'dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Phyllis Ebejer et vs Joseph Aquilina"** (A.C. – 10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f''kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **"Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella"** (A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003) u **"Hilda Debrincrat vs Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta' Lulju 2004); u **"Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); u **"Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca"** (A.I.C. – 12 ta' Jannar 2001).

Illi fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) inghad ukoll li:-
"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu*

*jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex.* (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".

Illi tenut kont ta' dan kollu, u wara li ezaminat l-atti kollha processwali din il-Qorti thoss li l-apprezzament li sar mill-Ewwel Qorti, kien wiehed li sar skond id-diskrezzjoni moghtija lilha bhala Qorti li semghet il-provi, u fil-fatt jirrizulta li l-istess Qorti mxiet sew fuq ir-regoli ta' provi citati minnha u anke dawk imsemmija bi precizzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" (P.S.) deciza fl-24 ta' Marzu 2004 u cjoe' li:-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-*

*bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.".*

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003:-

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi tenut kont tal-prezenti wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li qabel din il-kawza l-kontendenti kellhom relazzjoni bejniethom fejn kienu ilhom jafu lil xulxin 8 snin u jghixu flimkien 6 snin u li minn din ir-relazzjoni kellhom tifel, u waqt l-istess relazzjoni l-konvenuta dejjem hadmet, fil-waqt li l-appellant ma jidhirx li kellu impjieg kontinwu, tant li skond il-konvenuta huwa kien hadem biss ghal xi hdax-il xahar biss. Huwa f'dan il-kuntest li din il-kawza trid tigi kkonsidrata, u l-Ewwel Qorti din haditu in konsiderazzjoni, iktar u iktar meta l-istess kawza odjerna kienet konnessa ma' kawza ohra deciza mill-istess Qorti fl-ismijiet inversi **"Graziella Zahra vs Noel Cutajar"** (Avviz Numru 89/2008) deciza fl-10 ta' Jannar 2010. Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-konvenuta fis-sena 2004 xtrat karozza, u din il-kawza saret wara li sfaxxat din ir-relazzjoni tant li l-avviz bit-talbiet attrici gie pprezentat fit-2 ta' Lulju 2008 u ghalhekk mal-erba' snin wara li nxtrat l-istess vettura.

Illi premess din jinghad li fuq l-ewwel somma jirrizulta li l-Ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-konvenuta li tali

somma inghatat lilha mhux bhala self, izda sabiex l-istess vettura tintuza wkoll mill-attur, liema uzu, kontrarjament ghal dak li jghid l-appellant fl-appell tieghu, ma gie bl-ebda mod kontestat minnu stess fil-provi fl-ewwel istanza. Ghalhekk fuq il-bazi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u din il-Qorti taqbel mal-istess u thoss li l-versjoni tal-konvenuta hija aktar kredibbli u wkoll verosimili, tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Illi dwar it-tieni somma, din giet mill-ewwel kontestata mill-konvenuta, u fil-fatt l-allegazzjoni tal-attur hija newtralizzata minn din tal-konvenuta, u certament ma jistax jinghad li fid-dawl tal-atti processwali l-attur f’dan ir-rigward ipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u certament li d-dokumenti u x-xhieda li saret riferenza anke fl-appell tieghu, bl-ebda mod ma jista’ jinghad li b’xi mod jikkorroboraw il-versjoni tieghu – anzi tali xhieda hija fl-ahjar ipotesi konfuzjonarja, u dan apparti li ma hija xejn preciza u wisq inqas konvincenti.

Illi dwar it-tielet somma hawn imsemmija jirrizulta li l-Qorti emmnet il-versjoni appellata, li tali ammont inghata lill-konvenuta sabiex jigi uzat ghall-bzonnijiet ta’ iben il-kontendenti, u ma hemm xejn fl-atti x’jindika li dan mhux minnu u l-kummenti tal-appellata fir-risposta taghha dwar dan huma tassew f’lokhom.

Illi dwar ir-raba’ ammont jirrizulta li dan effettivament kienu rigal da parte tal-attur lill-konvenuta u qatt ma ppretenda li tali ammont jithallas lura. Jigi nnutat li kontrarjament ghal dak li sostna l-appellant il-kuncett ta’ gherusija f’dan il-kaz, ma giex mahluq mill-Ewwel Qorti, izda jirrizulta mix-xhieda prodotta quddiemha mhux l-inqas minn din ta’ hu l-attur Alfred Cutajar (xhieda 8 ta’ Ottubru 2009 – fol. 25), u ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti qed tichad l-appell interpost mill-appellanti bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta' tal-appellata Graziella Zahra datata 8 ta' April 2011 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant Noel Cutajar tas-27 ta' Jannar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Noel Cutajar vs Graziella Zahra" datata 10 ta' Jannar 2011 (Avviz Numru 241/08CSH) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Noel Cutajar.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------